

Brussell, 19 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7629/24

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0195(COD)**

**CODEC 776
ENV 284
CLIMA 110
FORETS 84
AGRI 207
POLMAR 9**

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869 **(l-ewwel qari)**
- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fit-22 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta¹ tagħha lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 192(1) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Jannar 2023².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fid-9 ta' Frar 2023³.
4. Fis-27 ta' Frar 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni⁴. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

¹ 10607/22 + ADD 1 sa 15.
² ĠU C 140, 21.4.2023, p. 46.
³ ĠU C 157, 3.5.2023, p. 38.
⁴ 6985/24.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE- CONS 74/23, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-Italja, l-Iżvezja u n-Netherlands jivvutaw kontra u l-Awstrija, il-Belġju, il-Finlandja u l-Polonja jastjenu.
6. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
